MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa b'Urġenza Numru 22/2020**

**Il-Ħamis, 15 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv



NG

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa b'urġenza nru: 21/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

22.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

22.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 21/2020, u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 22.3 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

22.3.1 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba, fakkar li fil-Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill li nżammet nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 sabiex jiġi trattat din il-materja kien ġie deċiż li tinħareġ is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv fil-Gazzetta tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri preżenti, li din is-sejħa kienet ġiet ippubblikata nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2020, u kienet damet miftuħa sat-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2020. Il-Bord tal-Għażla li kien inħatar f'dik l-istess laqgħa, iltaqa' darbtejn kemm sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet tal-applikanti interessati, kif ukoll sabiex inżammu l-intervisti mal-applikanti li kienu ġew misjuba eliġibbli.

22.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil dawk preżenti li sad-data tal-għeluq tas-sejħa, il-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda mingħand is-Sinjura Odette Camilleri. Wara, is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll r-rapport tal-Bord tal-Għażla fejn hemm iddettaljat il-proċess kollu tal-

Bord tal-Għażla kif ukoll fisser il-marki fik ingħataw, filwaqt li temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-membri preżenti li l-Bord tal-Għażla qiegħed jirrakkomanda lis-Sinjura Odette Camilleri sabiex tinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba tenna li waqt l-intervista, s-Sinjura Camilleri wieġbet tajjeb u l-bord kien ċar kemm jista' jkun magħha speċjalment fuq ċerti temi u mistoqsijiet. Is-Sindku kompla billi qal li hu jħoss li għandha tinħatar bħala Segretarju Eżektuttiv tal-Kunsill.

22.3.3 Wara diskussjoni fost il-membri, il-Kunsill approva r-rapport tal-Bord tal-Għażla. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jippubblika r-riżultat fin-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali, kif ukoll jinforma bir-riżultat u jgħarraf lis-Sinjura Odette Camilleri dwar jekk taċċettax jew mod ieħor din il-ħatra, biex il-Kunsill jkun jista' jinforma b'din id-deċiżjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u jinbeda l-proċess tal-ħatra tagħha minnufih.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.15pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv